**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 t'Ottubru, 2015**

**Rikors nru: 134/2010 MLF**

**May Denaro, Victor Denaro, Christianne mart Ian Wirth, Helena Denaro, Elizabeth mart l-Avukat Albert Grech, Edward Gatt u Marie Louisa mart Edgar Aquilina**

**vs**

**John Camilleri, Maria *sive* Felicienne Camilleri, Patricia Dowling u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2011 l-isem gie korrett billi minflok "Patricia" jitnizzel "Roberta", Henri Diacono, Antoinette Diacono, Michael Jason Abela, Elenita Zammit li b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2014 l-atti gew transfuzi minn fuq id-*decuius* Elenita Zammit ghal fuq Erminia Antonia *sive* Erminiette Camilleri, Anthony Joseph *sive* Tony Zammit, Melvin Charles *sive* Melvin Zammit u Edwin Martin *sive* Edwin Zammit; Elizabeth mart Anthony Sant Fournier, Marguerite Herrera, u Mary Schembri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi solidalment bejniethom jew min minnhom is-somma ta' €10,503.15 (ghaxar t'elef hames

mija u tlieta Euro u hmistax-il cent) danni sofferti mill-atturi; kwantu ghas-somma ta' €9317 (disat elef tlett mija u sbatax-il Euro) prezz tax-xoghol intrapriz mill-atturi fil-garaxx sottopost ghall-blokk t'appartamenti (proprjeta' taghhom) minghajr numru ufficjali, Graham Court, Graham Street, Sliema sabiex tigi rimedjata l-hsara sofferta mill-atturi bil-perkolar tal-ilma mill-proprjeta' sovrastanti appartenenti lilhom, skond kif iccertifika l-Arkitett u Inginier Civili Godwin Abela; kwantu ghas-somma ta' €531 (hames mija u wiehed u tletin Euro) drittijiet professjonali tal-istess Arkitett u kwantu ghal €655.15 (sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hmistax-il cent) prezz tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-precitat xoghol, u dana prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom unikament responsabbli ghall-imsemmija danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-30 ta' Marzu, 2009 u tal-protest gudizzjarju tal-24 t'April, 2009 u bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tal-intimati Henri Diacono u ta' martu Antoinette Diacono fejn esponew:

Illi t-talbiet tal-atturi rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li :-

a. Illi preliminarjament huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-appartament taghhom ma jinsabx fuq in-nahat fejn l-atturi qed jallegaw li qed issir il-perkolazzjoni;

b. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet tal-atturi rikorrenti huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Illi skond ir-rapport tal-Perit Godwin Abela tali allegat perkolar jinsab fil-garage li huma ma ghandhomx access ghalih u li mhux proprjeta' taghhom;

d. Li mhux minnu li tali perkolar gej mill-appartamenti tal-esponenti tant li l-appartament taghhom qieghed fit-tieni sular u mhux fuq in-naha tal-garage izda n-naha l-ohra u cioe' fuq l-appartament numru 2 fl-istess blokk li tahtu hemm il-garage in kwistjoni u li ghalhekk huma zgur li mhux qed jikkawzaw jew qatt ikkawzaw ebda hsara lill-atturi rikorrenti.

Salvi risposti ulterjuri.

Li huma m'ghandhomx ibatu spejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuti John Camilleri, Maria k/a Felicienne Camilleri, Elizabeth mart Anthony Sant Fournier, Marguerite Herrera u Mary Schembri fejn esponew:

1) Illi fl-ewwel lok, ghandu jinghad li t-talbiet attrici huma, fil-konfront tal-konvenuti odjerni, infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.
2) Fit-tieni lok, it-talbiet attrici huma perenti a tenur tal-Artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3) Illi fit-tielet lok, u kif sejjer jirrizulta mill-provi, il-pretensjonijiet dedotti mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti odjerni ma humiex imputabbli lill-istess konvenuti u dan stante li la kienu l-kawza u lanqas kienu b'xi mod responsabbli ghad-danni li l-atturi qed jallegaw li garbu.
4) Di piu, u dan dejjem minghajr pregudizzju ghal dak diga eccepit, ghandu nghad illi l-atturi ma hadux hsieb jaghmlu t-tiswjiet necessarji fil-mumenti opportuni, u dan il-fatt wasal sabiex id-danni zdiedu konsiderevolment u inutilment minhabba l-inadempjenza tal-istess atturi. Ghalhekk jekk il-Qorti, u dan dato ma non concesso, ssib li kien hemm xi element ta' htija jew responsabbilita ghal istess danni allegati, dawn ghandhom jigu kkwantifikati f'ammont ferm inqas minn dak reklamant mill-istess atturi.
5) Illi finalment jinghad li l-konvenuta Mary Schembri ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante, li kuntrarjament ghal dak mistqarr mill-istess atturi, hija ma hijiex sid ta' xi fond fi Graham Court, Graham Street, Sliema;

B'riserva ghal risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt wara li jigi pprezentat ir-rapport, jew inkellha jixhed, il-Perit Godwin Abela u dan stante li ghalkemm dan ir-rapport jissemma fir-rikors promotur, ma giex ipprezentat mill-istess atturi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Roberta Dowling fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u ssusegwenti stante illi isem l-esponenti huwa Roberta u mhux Patricia.
2. Illi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-appartament taghha numru tnejn (2) ma jinsabx fuq in-naha tal-garage fejn l-atturi qed jallegaw li qed issir il-perkolazzjoni.

3. Illi t-talbiet tal-atturi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, skond ir-rapport tal-Perit Godwin Abela tal-24 ta' Frar, 2009 id-danni li qed jirreklamaw l-atturi jinsabu fis-saqaf ta' garage u bitha sottostanti li ghalihom hija ma ghandhiex access u lanqas ma hija proprjeta taghhom (recte taghha);
5. Illi mhux minnu li tali perkolar gej mill-appartament tal-esponenti u ghalhekk mhux qed tikkawza jew qatt ikkawzat ebda dannu fil-proprjeta' lill-atturi.

Salv risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Elenita Zammit fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom f'dawn il-proceduri.
2. Illi in via preliminari wkoll, l-azzjoni tal-atturi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-allegata hsara ilha hemm diversi snin.
3. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi hija tghix fir-raba sular fil-blokk appartamenti Graham Court fi Triq Triq Graham tas-Sliema u ghalhekk bl-ebda mod ma tista tkun responsabbli l-esponenti ghall-hsarat allegati mill-atturi fil-garaxx imsemmi;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, it-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, kwalsiasi perkolazzjoni tal-ilma gewwa l-garaxx imsemmi, jekk tezisti, m'hix gejja mill-propjeta' tal-esponenti u ulterjorment, il-hsara allegata hija kagun ta' nuqqas ta' manutenzjoni tas-saqaf tal-garaxx illi ilu maghluq ghal ghexieren ta' snin.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-konvenut Jason Michael Abela fejn espona:

1. Illi, in linea preliminari, l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u konsegwentament ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-appartament tal-esponent fil-blokk de quo huwa dak bin-numru sitta (6) li jinsab fit-tielet sular tal-blokk – jigifieri numru ta' sulari 'l fuq mill-garaxx in kwistjoni – apparti li l-istess appartament tal-esponent ma huwiex immedjatament sovrastanti ghall-garaxx fejn l-atturi qeghdin jallegaw li qed issir il-perkolazzjoni – izda fuq in-naha opposta tal-blokk – u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' possibilment jigi allegat illi l-esponent jista' jkun responsabbli ghall-hsarat allegati mill-atturi fil-garaxx imsemmi.
2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 ta' Ligijiet ta' Malta.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak fuq inghad u dwar il-meritu, it-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, billi kwalsiasi perkolazzjoni tal-ilma gewwa l-garaxx imsemmi, jekk effettivament tezisti, m'hijiex gejja mill-propjeta' tal-esponent, u ulterjorment, il-hsarat allegati huma kagun ta' nuqqas ta' manutensjoni tas-saqaf tal-garaxx illi ilu maghluq ghal ghexieren ta' snin.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, l-atturi iddikjaraw li m'ghandhomx iktar provi,[1] u l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, din il-Qorti awtorizzat lill-konvenuta Elenita Zammit sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fuq l-ewwel eccezzjonijiet taghha dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi.[2]

---

[1] Ara verbal a fol 78 tal-process.
[2] Ara fol. 92 tal-process.

Rat in-nota ta' riferenzi tal-konvenuti kollha dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-atturi fuq din l-eccezzjoni.

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku, u se tigi deciza fuq il-provi migbura sal-lum, li effettivament huma l-provi tal-atturi, stante li l-konvenuti ghadhom ma bdewx iressqu l-provi, lanqas fuq din l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. L-atturi huma ko-propretarji tal-garaxx bla numru sottostanti l-blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Graham Court, fi Triq Graham, Sliema, li l-atturi jghidu li jappartjenu lill-konvenuti.[3]

2. Fi Frar 2009 l-atturi qabbdu lil Perit Godwin Abela sabiex jaghtihom parir dwar hsarat li soffrew fl-imsemmi garaxx minhabba perkolazzjoni ta' ilma tad-drenagg mill-appartamenti sovrastanti u mill-ilma ta' bitha interna tal-istess blokka, ossia Graham Court.[4]

3. Fl-24 ta' Frar 2009, il-Perit Godwin Abela ikkonstata illi : « *Leakages in the waste system and water ingress from the internal yard over a number of years have caused severe damage to one of the primary beams as well to a secondary beam and the slab which has spalling of the concrete cover occurring in a number of places. … … Due to the visible damage and bearing in mind that the beam was carrying a massive load, the undersigned ordered that the beam be temporarily underpinned with jacks until the extent of the damage can be assessed. Once the assessment is carried out and repairs*

[3] Ara l-affidavit ta' Elizabeth Grech mmarkat bhala Dok MD 1 a fol. 61 tal-process.

[4] Ara l-affidavit ta' Elizabeth Grech mmarkat bhala Dok MD 1 a fol. 61 tal-process.

*will not be considered sufficient to retain the structural load bearing capacity of the concrete beam and therefore the structural integrity of the entire apartment block, additional support will have to be provided. The undersigned will then recommend that steel beams on steel columns be installed in the bay over which the beam is spanning.”*[5]

4. Tentattivi tal-atturi sabiex jirrizolvu din il-kwistjoni bonarjament mal-konvenuti ma waslu ghall-ebda rizultat pozittiv.

5. Ghalhekk, l-atturi nkarigaw lil John Aquilina li ghamel ix-xoghol ordnat mill-Perit Abela, taht is-supervizjoni tal-istess Perit. Il-prezz tax-xoghol u l-materjal ammonta ghas-somma ta’ €9317, li thallset mill-atturi.[6]

6. Il-kont tal-Perit Godwin Abela kien ta’ €531.00, li wkoll thallsu mill-atturi.

7. L-atturi kienu hallsu ghal polza ta’ assikurazzjoni ma’ Citadel Insurance plc sabiex tkopri kull eventwalita’ waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet, liema polza ammontat ghal €655.15.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Kif diga inghad, din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tan-nuqqas ta’ interess guridiku da parti tal-atturi, abbazi tal-provi akkwiziti sal-lum.

Din l-eccezzjoni tqajjmet biss fir-risposta ta’ wahda biss mill-konvenuti, u cioe tal-konvenuta Elenita Zammit,[8] li mietet fil-mori tal-kawza. Fil-fatt fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2013, din il-

---

[5] Ara r-rapport tal-Perit Godwin Abela ddatat 24 ta’ Frar 2009 mmarkat bhala Dok A a fol. 48-49 tal-process.

[6] Ara x-xhieda ta’ John Aquilina a fol. 52 tal-process kif ukoll l-ircevuta fiskali tal-VAT bla data a fol. 54 tal-process.

[7] Ara l-ircevuta mahruga mis-socjeta’ assikuratrici Citadel Insurance plc ddatata 15 ta’ Mejju 2009 mmarkata bhala Dok B a fol. 75 tal-process.

[8] Ara r-risposta ta’ Elenita Zammit a fol. 28 tal-process.

Qorti awtorizzat lill-konvenuta Elenita Zammit biss sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fuq din l-eccezzjoni preliminari taghha.[9]

Dan, nonostante, il-kumplament tal-konvenuti assocjaw ruhhom – minghajr ma talbu ebda permess lil din il-Qorti - mal-eccezzjoni mqajjma mill-konvenuta Elenita Zammit fin-nota ta' referenzi, li kellha tigi pprezentata minn Elenita Zammit biss, u minflok giet ipprezentata mill-konvenuti kollha.

Fir-risposta taghhom, l-atturi qieghdin jissottomettu li l-konvenuti l-ohra ma setghux legalment jissollevaw din l-eccezzjoni fi stadju inoltrat tal-kawza, imma kellhom jissollevawha *in limine litis*, kif effettivament ghamlet il-konvenuta Elenita Zammit.

Illi l-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[10] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B' introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi*

---

[9] Ara fol. 92 tal-process.
[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:
*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[11] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** fejn gie ritenut hekk:
*« Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali aliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*

*Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri."*

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ladarba, salv ghal konvenuta Elenita Zammit, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi giet sollevata mill-konvenuti fl-ahhar stadju tal-proceduri dwar din l-eccezzjoni, u cioe fin-nota ta' riferenzi li kellha ssir biss mill-konvenuta Elenita Zammit, din il-Qorti mhix se tikkunsidra din l-eccezzjoni bhala wahda tal-konvenuti kollha, imma biss bhala eccezzjoni tal-konvenuta Elenita Zammit, ghax hi biss issollevat din l-eccezzjoni fir-risposta taghha.

Il-Qorti issa se tghaddi biex tikkonsidra l-meritu ta' din l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku. Fis-sentenza fl-ismijiet **Cecil Pace u Henry Pace pro et noe vs Emanuel A. Bonello pro et noe,** deciza fl-24 ta' Settembru 2004, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:

*« Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. (ara* ***Anna Attard et noe. v. Rev. Patri Serafin Abela noe et****, Prim Awla, 12 ta' Dicembru, 2001). Fl-assenza ta' dan r-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsewgenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur. »*

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[12] fl-ismijiet **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija noe**, il-Qorti qalet : *« Illi ghal bosta snin, il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha tal-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku (ara, per ezempju Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Falzon Sant Manduca vs Weale</u>, maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollez. Vol : XLIII.i.1*

[12] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.

*Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li tieghu t-talba ssir (ara per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti PASP moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet* <u>*Francis Tonna vs Vincent Grixti*</u> *Kollez. Volum : LXXVI.iii.592. »*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Andrew Ransley et v. Emanuel Coleiro et noe**, deciza fid-29 ta' Jannar 1997, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) irriteniet hekk :

*« Ma hemmx dubbju allura li l-azzjoni kif proposta mill-appellanti hi kapaci li tipproduci rizultat vantagguz u utili ghalihom. Dan hu rekwizit essenzjali tal-interess guridiku li jehtieg li jkun* <u>*attwali*</u> *kif jiddefinih Mortara « la utilita finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione* di un diritto *» (Vol. LXXV, pt. II, p. 386). Hu wkoll stabbilit li min jipproponi kawza ghandu jkollu mhux biss interess fl-ezitu taghha, imma l-interess ghandu jkun jissusisti* <u>*di fronte ghall-konvenut*</u> *(Vol. LXXVI, ptII, 246 u l-kazistika hemm citata). Hu difatti minn dan il-principju tal-kontestazzjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut ta' vjolazzjoni ta' dritt lilu spettanti jew ta' theddid ta' vjolazzjoni ta' tali dritt li tinholoq ir-relazzjoni guridiku li tirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bhala legittimu kontradittur.*

*« L-interess jehtieg biss li jkun ta' natura guridika jigifieri li jkun konformi ghal lezjoni ta' dritt ... ... u lanqas hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u proprju* <u>*imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata. »*</u> *(Vol. XXX, pt. II, p. 532).*

*« Huwa ormai pacifiku illi (a) l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jehtieg li jkun konkret, personali u* <u>*sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda*</u>*, ghaliex anke ghall-konvenut, l-interess huwa l-mizura tal-eccezzjoni. (Vol. XLI, pt, p. 1051)*

Din il-Qorti trid tiddeciedi dwar il-validita ta' din l-eccezzjoni fuq il-provi migbura s'issa, li huma biss il-provi tal-atturi, ghaliex il-konvenuti ghadhom ma ressqu l-ebda prova. Lanqas il-konvenuta Elenita Zammit ma ressqet provi sabiex issostni din l-eccezzjoni taghha.

Mix-xhieda ta' uhud mill-atturi jirrizulta li l-atturi huma ko-proprjetarji tal-garaxx bla numru sottostanti blokk ta' appartamenti bl-isem Graham Court, fi Triq Graham, Sliema, li l-atturi

jallegaw li jappartjenu lill-konvenuti. Ghalkemm l-atturi ma pprezentawx il-kuntratt jew dokumenti ohra sabiex jippruvaw li huma ko-proprjetarji ta' dan il-garaxx, il-konvenuta Elenita Zammit ma gabet l-ebda prova biex ixxejjen ix-xhieda tal-atturi li huma ko-proprjetarji ta' dan il-garage.

Mix-xhieda tal-Perit Godwin Abela jidher li f'dan il-garaxx kien hemm prezenza qawwija ta' perkolazzjoni ta' ilma tax-xita matul il-medda taz-zmien. Fl-opinjoni ta' dan il-Perit, l-ilma kien gej minn bitha nterna sovrastanti dan il-garaxx, u din il-bitha nterna tifforma parti mill-blokk tal-appartamenti bl-isem Graham Court.[13] Fir-risposta taghha, il-konvenuta Elenita Zammit ma cahditx li hija proprjetarja ta' wiehed mill-appartamenti fi Graham Court, izda eccepiet li billi hija tghix fir-raba' sular ta' Graham Court, il-proprjeta taghha qatt ma setghet ikkagunat l-allegati danni fil-garaxx tal-atturi, pero ma gabet l-ebda prova tal-eccezzjoni.

L-atturi ghamlu x-xoghol rimedjali fil-garaxx taghhom, u issa qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, inkluza l-konvenuta Elenita Zammit jirrizarcuhom d-danni li soffrew biex saru dawn ix-xogholijiet rimedjali.

Minn dawn il-fatti, jidher, li l-atturi kellhom u ghad ghandhom interess dirett, legittimu u attwali li jistitwixxu dawn il-proceduri kontra l-konvenuta Elenita Zammit, u illum, stante l-mewt taghha fil-mori tal-proceduri, kontra l-eredi taghha. Fil-fatt ghalkemm fin-nota ta' riferenzi taghha l-konvenuta Elenita Zammit ghamlet rassenja akkademikament interessanti tad-dottrina u l-kazistika fuq il-kuncett tal-interess guridiku tal-attur, imkien fin-nota taghha ma indikat ghaliex l-atturi, jew min minnhom, ma ghandhomx xi wiehed mir-rekwiziti rikjesti mill-gurisprudenza sabiex ikun hemm l-interess guridiku necessarju li jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Ovvjament, dan qed jintqal minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta Elenita Zammit jew illum tal-eredi taghha, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti l-ohra.

---

[13] Ara xhieda tal-Perit Godwin Abela a fol 45-46 tal-process u r-rapport tieghu ezebit bhala Dok A a fol. 48 *et seq.* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda :

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi sollevata mill-konvenuti fin-nota ta' riferenzi taghhom, hlief ghal dik sollevata mill-konvenuta Elenita Zammit.
2. tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Elenita Zammit, u
3. tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

L-ispejjez rigwardanti din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Elenita Zammit ghandhom jigu subiti minn Erminia Antonia sive Erminiette Camilleri, Anthony Joseph sive Tony Zammit, Melvin Charles sive Melvin Zammit u Edwin Martin sive Edwin Zammit, li assumew l-atti minflok il-mejta konvenuta Elenita Zammit.

**(ft) Maġistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Reġistratur**